Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 186 :: NOVEMBRU 2011**

***Editur: Paul Vella***

# Membri tal-Grupp Letteratura Maltija jiltaqgħu mal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex

**Nhar il-Ħamis, 20 t'Ottubru, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex, ingħata merħba kbira mill-Komunità Maltija tal-Vittoria, meta ltaqa' magħhom fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville.**

Madwar 200 ruħ kienu preżenti sa' minn siegħa qabel. Fis-7 pm, is-Sur Vince Calleja ħabbar li l-Isqof Grech kien wasal fostna u daħal fis-Sala fost ħafna ċapċip kbir.

Fost dawk preżenti kien hemm il-Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Vittoria, is-Sur Charles Mifsud u s-Sinjura Anna Maria Mifsud; il-President tal-Kunsill Malti tal-Vittoria, il-Prof. Maurice Cauchi u s-Sinjura Agnes Cauchi; Membri tal-Eżekuttiv tal-MCCV; Fr Mario Zammit, Provinċjal tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl fl-Awstralja; Fr Edwin Agius u Fr Denis Carabott tal-istess Soċjeta`; Fr Emmanuel Bonello, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġuzepp Ħaddiem, North Reservoir; Fr Dom Degiorgio u Fr Karm Borg; Sister Doris Falzon, ta' Rosary Home, flimkien ma' Sorijiet oħra Dumnikani; Dr Clemente Zammit u s-Sinjura Mary Zammit; Membri tas-Soċjeta` tal-Mużew, Sezzjoni Nisa; is-Sur George Portelli, ir-Rappeżentant Ewlieni tal-Bank of Valletta fl-Awstralja; membri tal-*Media* Maltija f'Melbourne, mir-Radju Komunitarju 3ZZZ; Radju 98.9 FM u r-Radju tal-SBS; u kif ukoll membri tal-Media minn Malta; Għaqdiet Maltin fost ħafna oħrajn. Preżenti wkoll kien hemm l-Assistent Persunali tal-Isqof, il-Kan. Eddie Zammit; il-ġenituri tal-Isqof Grech, is-Sur Giorgio u s-Sinjura Maria Stella Grech flimkien ma' ħuh, Maestro Carl Grech. Is-Sur Joseph Montebello, reporter u cameraman tal-Programm Waltzing Matilda f'Malta kien preżenti u ħa xi filmati għall-istess programm.

Il-Professur Maurice Cauchi ta merħba lill-E.T. Mons. Grech li sab il-ħin biex jiltaqa' mal-Komunità Maltija kif ukoll ta merħba lil dawk li attendew. Wara l-introduzzjoni, huwa stieden lill-Isqof Grech biex jindirizza lil dawk preżenti.

L-Isqof beda biex qal kemm kien kuntent jara tant Maltin u Għawdxin miġbura f'din is-sala u li kien qed jagħmel din l-esperjenza, kemm bħala ċittadin Malti u kemm bħala Nisrani… bħala Isqof.

Huwa qal li kemm Prof. Cauchi u kemm is-Sur Paul Borg tkellmu miegħu dwar il-*welfare* li dan il-Kunsill jipprovdi lill-Komunità Maltija fil-Victoria.

Huwa tkellem dwar il-Kultura Maltija.. forsi li jiżdied l-interess dwar l-arti… u l-letteratura u l-istorja. Il-Kultura tagħna, Maltin u Għawdxin bħalma ħafna minnkom ġibtu dan kollu magħkom. Huwa qal li dan li jagħmilna Maltin, il-Kultura tagħna. U jekk aħna niftaqru, allura nitilfu kull identità Maltija tagħna. Huwa kompla u qal li hemm bżonn li ngħaddu dan kollu lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Barra l-Kultura Maltija hemm bżonn li nżommu wkoll il-Kultura Nisranija.

Wara li spiċċa l-indirizz tiegħu, il-Prof. Maurice Cauchi stieden lil dawk preżenti jekk kellhomx xi mistoqsija jew jgħaddu xi kummenti.

L-Avukat Victor Borg qal li l-futur tal-Komunità Maltija fl-Awstralja jiddependi ħafna minn dak li tgħallimna f'Malta u tajjeb li bqajna nżommu r-Reliġjon tagħna.

Miriam Belli, Superjura, Sezzjoni Nisa, tas-Soċjeta` tal-Mużew, qalet li kemm ilhom fl-Awstralja dejjem pruvaw iżommu t-tradizzjoni Maltija kemm fit-tagħlim tar-Reliġjon kif ukoll fil-Milied billi jagħtu lit-tfal xi presepju zgħir.

Imbagħad tkellem il-Provinċjal tal-MSSP, Fr Mario Zammit, speċjalment fuq is-servizz tas-Soċjeta` sa mill-1948. Huwa qal li s-Soċjeta` torganizza ħafna Quddiesa bil-Malti kull ġimgħa. Wara dan sar riċeviment fejn fl-istess ħin, l-Isqof Grech kwazi kellem lil kulħadd individwalment u ppoża għal ħafna ritratti magħhom.



***Ritratt (lemin): Rosemary u Charles Attard mal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex.***



**Mix-xellug għal-lemin: Lou Drofenik, Paul Vella, l-Isqof Mario Grech, Dr Victor Sammut, Salvina Vella, Maria u Armando Catania**

# F'NOVEMBRU NILTAQGĦU GĦAND FRANK U DRAGA BONETT

L-aħħar laqgħa tas-sena (Novembru), se tkun il-Laqgħa Ġenerali Annwali u l-Festin tal-Milied. Minflok ma ssir bħas-soltu fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, se niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-proprjeta` tagħhom, **il-Ħadd, 27 ta' Novembru, 125 Blackwells Lane, Bulla**. Ta' kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna BBQ fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu xi qari magħkom. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella** fuq **9460-4404**. Dawk li jużaw l-*internet* ikunu jistgħu jibagħtu *email* lil Salvina Vella fuq **polvel@connexus.net.au** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna.




Il-Membri qed jirċievu Avviż tal-Laqgħa Ġenerali Annwali u Formola biex tinnominaw lil xi membru għall-kumitat ġdid. **Il-membri mitluba jġibu xi platt bil-ħelu magħhom, bħal kejks, gallettini jew xi affarijiet oħra.**

# ĊELEBRAZZJONI TAT-8 TA' SETTEMBRU FIL-GOLD COAST

## BOGĦOD MILL-GĦAJN . . . QRIB MILL-QALB

Kif isem Malta nisma'
Ivenven ġo widnejja
Ma nafx x'inħoss, x'jaqbadni
Id-dmugħ ifiġġ f'għajnejja

O Malta, Malta tiegħi
Ma nafx x'inħoss għalik
Żgħażugħ nerġa' inħossni
Kull x'ħin niftakar fik

Irridek tibqa' ċerta
'K xi ħadd bis-sieq itik
Hemmhekk issibni lili
Dejjem niddefendik

Niftakar qisu l-bieraħ
Lil xtutek kont ħallejt
U bħal ma ħabbejt lilek
Lil ħadd qatt ma ħabbejt

Xi darba nerġa' niġi
U lilek nerġa' nżur
Minn dik il-benna tiegħek
Induq għad nerġa żgur

X'jimporta li jifridna
Il-baħar w id-destin
X'jimporta li ninsabu
Tant mili imbegħdin

Xi darba għad nintelqu
Nerġgħu f'dirgħajn xulxin
Imqar għal nofs sekonda
Ikun x'ikun il-hin

Jien għadni w nibqa' nħobbok
Sa l-aħħar nifs li nieħu
Int f'moħħi dejjem qiegħda
Tfakkarni bħallikieku

Li qabli ħabbewk ħafna
Lil dawn jafhom kulħadd
'Żda bħal ma nħobbok jiena
Żgur li ma ħabbek ħadd

*Nazzarenu Zerafa, Brisbane*


Nazzarene Zerafa

**Fil-Gold Coast Qld, il-Maltese Australian Gold Coast Association iċċelebraw il-festa nazzjonali tal-'Vitorja' b'qari bil-Malti, attivitajiet soċjali u ikel Malti.**

It-tifkiriet bdew bid-daqq tal-Innu Malti. Wara introduzzjoni qasira Nazzarenu Zerafa minn Brisbane, wieħed mill-membri tal-Għaqda, ta tifsira u spjega s-sinifkat ta' dil-festa nazzjonali tagħna, festa li tfakkar il-ġrajja ta' żewġ Assedji li saru fuq il-gżejjer Maltin. B'tifkira tal-Assejdu l-Kbir, Nazzarenu qara l-poeżija, 'Dehra tat-VIII ta' Settembru 1565' tal-poeta nazzjonali Dun Karm. Imbagħad bħala tifkira tal-Assedju tat-Tieni Gwerra Dinjija (1940) qara l-poeżija 'Lil Malta' (Wara Elfejn Attakk mill-Ajru) ta' l-istess poeta. Fl-aħħar, b'tifkira ta' dawn iż-żewġ rebħiet Nazzarenu qara ukoll it-tielet poeżija ta' Dun Karm 'Il-Għanja tar-Rebħa'.

Wara intervall qasir, intweriet *power point* fejn Nazzarenu nstema' jaqra l-poeżija tiegħu, "Bogħod mill-Għajn, Qrib mill-Qalb'. F'dil-poeżija, Nazzarenu esprima l-imħabba tiegħu għal art twelidu u s-sentiment tal-emigrant Malti. Kienet Judith Padovani-Ginies li poġġiet il-poeżija f'*power point presentation* u b'hekk, kulħadd seta' japprezza l-qari ta' Nazzarenu mqabbel max-xeni sbieħ ta' Malta.

Fl-aħħarnett kien hemm daqq, żfin u kant minn Joe Cefai li żamm lil dawk kollha preżenti ferħana u allegrużi u tqassam ikel Malti li ġie ppreparat għall-okkażjoni.

**Din il-poeżija intweriet fuq il-*laptop* fil-laqgħa tal-membri tax-xahar ta' Ottubru fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville.**


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**